

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 67/2011

tal-1 ta' Lulju 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (l-Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 2/2011 tal-11 ta' Frar 2011 ⁽¹⁾.
- (2) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/2011 tal-1 ta' April 2011 ⁽²⁾.
- (3) Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2010 tal-21 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2009 dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal bozoz fluworexxenti mingħajr ballast integrata, għal bozoz b'discharge ta' intensità għolja, u għal ballasts u lampi li kapaċi jħaddmu bozoz ta' dan it-tip ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva 2009/125/KE tħassar id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, li ġiet inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar taħt il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu IV tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test ta' punt 6 (id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“**32009 L 0125:** Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

⁽¹⁾ ĠU L 93, 7.4.2011, p. 31.

⁽²⁾ ĠU L 171, 30.6.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 104, 24.4.2010, p. 20.

⁽⁵⁾ ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Istati tal-EFTA għandhom jieħdu sehem sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 19, iżda m'għandux ikollhom id-dritt tal-vot.”

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 10 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009):

“— **32010 R 0347:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2010 tal-21 ta' April 2010 (ĠU L 104, 24.4.2010, p. 20).”

Artikolu 2

L-Anness IV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test ta' punt 26 (id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“**32009 L 0125:** Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Istati tal-EFTA għandhom jieħdu sehem sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19, iżda m'għandux ikollhom id-dritt tal-vot.”

2. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 34 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2009):

“, kif emendat permezz ta':

— **32010 R 0347:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 347/2010 tal-21 ta' April 2010 (ĠU L 104, 24.4.2010, p. 20).”

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 347/2010 u d-Direttiva 2009/125/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.